

Brussell, 24 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9015/18

CULT 61

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8544/18 CULT 52
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li l-wirt kulturali jitpoġġa fuq quddiem fil-politiki kollha tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li l-wirt kulturali jitpoġġa fuq quddiem fil-politiki kollha tal-UE, adottati mill-Kunsill fit-3617-il laqgħa tiegħu li saret
fit-23 ta' Mejju 2018.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li l-wirt kulturali jitpoġġa fuq
quddiem
fil-politiki kollha tal-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

1. Il-Mexxejja tal-Istati Membri tal-UE u tal-istituzzjonijiet tal-UE pproklamaw fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017 viżjoni ta' "Unjoni fejn iċ-ċittadini jkollhom opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp kulturali u soċjali" li "tippreserva l-wirt kulturali u tippromwovi d-diversità kulturali"¹;
2. Il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2017² stieden lill-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex imexxu l-ħidma 'l quddiem bil-ħsieb li jieħdu l-opportunità tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018³ biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza soċjali u ekonomika tal-kultura u l-wirt kulturali;

¹ <http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/03/25/rome-declaration/pdf>

² EUCO 19/1/17 REV 1

³ Deċiżjoni (UE) 2017/864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali (2018), ĠU L 131, 20.5.2017.

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI:

3. Illum, il-kultura hija enfasizzata fuq l-aġenda politika tal-UE kif ikkonfermat mid-diskussjoni tal-Mexxejja f'Gothenburg f'Novembru 2017, li matulha l-Mexxejja rrikonnoxxew l-importanza tal-kultura fil-bini ta' soċjetajiet inklużivi u koeżivi, u biex tinżamm il-kompetittività tal-Ewropa;⁴
4. Dan l-iżvilupp jafferma mill-ġdid il-valur ta' kooperazzjoni tajba fil-livell tal-UE fil-wirt kulturali u jikkonferma l-importanza tal-integrazzjoni tal-wirt kulturali f'politiki u azzjonijiet settorjali oħra biex jiġu massimizzati l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali tiegħu;
5. L-isfidi soċjali u ekonomiċi reċenti li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni Ewropea jitolbu għal azzjoni biex jissaħħu r-rabtiet bejn u fi ħdan is-soċjetajiet tagħna. Il-wirt kulturali bħala sors ta' għarfien u fehim reċiproku għandu l-potenzjal li jkun waħda mill-forzi li tmexxi 'l quddiem dan il-proċess billi jrawwem sens ta' appartenenza fl-ispazju komuni Ewropew. Barra minn hekk, azzjoni bħal din tista' issir bażi għaż-żamma tas-solidarjetà Ewropea u għall-preservazzjoni tal-integrità tal-Unjoni Ewropea filwaqt li fl-istess ħin tippromwovi u tħares id-diversità kulturali;
6. Il-wirt kulturali fid-diversità u l-forom kollha tiegħu – tanġibbli u mhux tanġibbli, mobbli u immobbli, diġitali u digitalizzati⁵ - huwa valur fih innifsu, wirt mill-imġhoddi tagħna u riżorsa strateġika għall-ġejjieni sostenibbli tal-Ewropa, li jgħin biex jirrispondi għall-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali f'livelli differenti - minn lokali, nazzjonali u reġjonali għal dawk Ewropej u anke globali;

⁴ EUCO 19/1/17 REV 1 u l-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, fis-17 ta' Novembru 2017 (Komunikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u Kultura), id-dok. 14436/17.

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli (ĠU C 183, 14.6.2014, p. 8, para 2)

7. Il-wirt kulturali Ewropew huwa ta' natura dinamika u arrikkit aktar permezz tal-esplorazzjoni tal-imġhoddi kondiviż tal-popli u n-nazzjonijiet Ewropej, u permezz ta' inizjattivi u programmi li jevolvu kontinwament. Il-wirt kulturali huwa b'hekk ukoll sors ta' ispirazzjoni għall-arti kontemporanja u l-kreattività li min-naħa tagħhom jistgħu jsiru l-wirt kulturali ta' għada;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FI ĦDAN TAL-OQSMA RISPETTIVI TAGĦHOM TA' KOMPETENZA U F'KONFORMITÀ DOVUTA MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

8. Biex ipoġġu l-wirt kulturali fuq quddiem f'politiki rilevanti tal-UE billi jippromwovu sensibilizzazzjoni fost il-partijiet konċernati dwar il-benefiċċji reċiproċi tal-integrazzjoni tagħha f'politiki settorjali oħra kif ukoll dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-wirt kulturali⁶, inkluż billi jipprovdu informazzjoni f'waqtha lill-partijiet ikkonċernati dwar il-fondi tal-UE disponibbli għall-wirt kulturali;
9. Mingħajr preġudizzju għan-negozjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, biex jeżaminaw il-possibilitajiet għall-introduzzjoni, fejn ikun xieraq, ta' konċentrazzjoni aktar espliċita fuq il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali komuni tal-Ewropa fil-programmi rilevanti tal-UE. Dan jista' jsir billi jittieħed kont tal-wirt kulturali fit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-programmi, iżda wkoll bl-inklużjoni tal-wirt kulturali bħala objettiv strateġiku fost il-prijoritajiet tagħhom;
10. Biex jippromwovu l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u l-inklużjoni soċjali permezz ta' proġetti speċifiċi orjentati lejn il-wirt b'dimensjoni Ewropea u b'valur miżjud soċjali, anki billi tiġi kkunsidrata l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi;
11. Biex irawmu l-kooperazzjoni fost ir-riċerkaturi, il-professjonisti u l-korpi tal-edukazzjoni u t-taħriġ Ewropej bl-għan li jiġu promossi hili, taħriġ u trasferiment ta' għarfien ta' kwalità għolja fi professjonijiet tradizzjonali u emerġenti fil-qasam tal-wirt;

⁶ L-immappjar ta' azzjonijiet dwar il-wirt kulturali fil-politiki, il-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea - http://ec.europa.eu/assets/eac/culture/library/reports/2014-heritage-mapping_en.pdf

12. Biex isaħħu aktar il-prinċipju ta' governanza parteċipattiva tal-wirt kulturali permezz tal-analiżi tal-prattika attwali fil-governanza kulturali, l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet, fejn rilevanti, sabiex il-governanza kulturali ssir aktar miftuħa, parteċipattiva, effettiva u koerenti kif ukoll permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;
13. Biex jidentifikaw u jiffaċilitaw l-iskambju ta' prattiki tajba fil-livell nazzjonali u dak internazzjonali billi jippromwovu l-mobbiltà ta' professjonisti tas-settur kulturali fl-Ewropa⁷;
14. Biex japprofondixxu u jwessgħu d-djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, iċ-ċittadini Ewropej u b'mod partikolari ż-żgħażaġh Ewropej bil-ħsieb li jinkiseb fehim iktar profund tal-kontribut tal-wirt kulturali tal-Ewropa biex tissaħħaħ l-identità komuni Ewropea fid-diversità kollha tagħha ta' kulturi, lingwi u patrimonji;
15. Biex ikompli jappoġġaw il-wirt kulturali bħala element importanti tal-approċċ strateġiku tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali kif ukoll fil-promozzjoni tad-djalogu interkulturali;
16. Biex jimplimentaw azzjonijiet komuni u koordinati transnazzjonali⁸ ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex jitħares u jiġi ppreservat il-wirt kulturali b'mod sostenibbli u f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli⁹;
17. Biex jippromwovu l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali bħala għodda għal aċċess miftuħ għall-kultura u l-għarfien, biex b'hekk ikunu stimulati l-innovazzjoni, il-kreattività u l-governanza parteċipattiva tal-wirt kulturali;
18. Biex jagħmlu disponibbli l-eżiti, ir-rapporti u l-evalwazzjonijiet ta' inizjattivi u proġetti ffinanzjati mill-UE dwar il-wirt kulturali online b'mod aktar sistematiku u aċċessibbli;

⁷ EUCO 19/1/17 REV 1

⁸ [http://undocs.org/S/RES/2347\(2017\)20](http://undocs.org/S/RES/2347(2017)20).

⁹ F'konformità mal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, <https://sustainabledevelopment.un.org/content/documents/21252030%20Agenda%20for%20Sustainable%20Development%20web.pdf>

19. Biex jieħdu l-opportunità tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 għall-bini ta' viżjoni strateġika komuni u komprensiva għall-wirt kulturali, u jiżguraw il-patrimonju tagħha billi jiżviluppaw azzjonijiet konkreti. Fejn possibbli, jistgħu jiġu mfittxija sinerġiji mal-Istrateġija dwar il-Wirt Kulturali Ewropew għas-seklu 21 tal-Kunsill tal-Ewropa;
20. Biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' politiki bbażati fuq l-evidenza billi jkomplu jaħdmu mal-Eurostat u l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika dwar il-ġbir ta' data affidabbli dwar il-kontribut ekonomiku u soċjali tal-wirt kulturali, u biex jikkontribwixxu għal sforzi simili fil-livell internazzjonali minn organizzazzjonijiet bħall-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa¹⁰;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, B'KONSIDERAZZJONI DOVUTA GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

21. Biex jirrikonoxxu r-rwol tal-wirt kulturali fi programmi settorjali nazzjonali rilevanti kofinanzjati mill-UE bil-ħsieb li jiġu ppreservati l-valur u l-importanza tal-wirt kulturali għan-nies lokali u l-ġenerazzjonijiet futuri u jkun żviluppat b'mod sħiħ il-potenzjal tal-patrimonju bħala riżorsa għall-iżvilupp ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u l-identità kulturali;
22. Biex ikomplu l-kooperazzjoni tagħhom billi jikkunsidraw il-prijoritajiet u l-attivitajiet fil-Pjan ta' Ħidma l-ġdid għall-Kultura wara l-2019 marbut mal-integrazzjoni tal-wirt kulturali f'politiki oħra tal-UE;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

23. Biex fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' politiki tal-UE, tkompli tikkunsidra l-impatt dirett u indirett tagħhom fuq it-tisħiħ, il-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-wirt kulturali tal-Ewropa u b'mod partikolari l-hteġa għal linji gwida ta' kwalità biex jiżguraw li l-investiment tal-UE ma jagħmilx ħsara jew inaqqas il-valuri tal-wirt kulturali;

¹⁰ pereżempju, il-Kompendju dwar il-Politiki u x-Xejriet Kulturali.

24. Biex tkompli d-djalogu u l-kooperazzjoni li għaddejjin man-networks eżistenti fil-qasam tal-wirt kulturali li akkumulaw esperjenza siewja u taw prova tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam¹¹;
25. Biex tiżviluppa aktar il-kooperazzjoni mal-UNESCO u mal-Kunsill tal-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-politiki u l-prattiki ta' wirt kulturali, inkluż dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-proprietà kulturali, speċjalment f'żoni ta' kunflitt;
26. Biex tfittex sinerġiji mal-UNESCO u l-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, li jistabbilixxu l-prinċipji internazzjonali għall-konservazzjoni, is-salvagwardja u l-ġestjoni tal-wirt kulturali, bħall-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (Faro 2005).

¹¹ Bħal pereżempju l-Forum tal-Mexxejja Patrimonjali Ewropej, il-Forum Legali tal-Patrimonju Ewropew u l-Grupp ta' Riflessjoni "l-UE u l-wirt kulturali".